

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16031/25

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0571 (APP)
2025/0574 (CNS)

CADREFIN 340
POLGEN 214
FIN 1461
RESPR 45

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti dwar il-QFP għall-perjodu 2028-2034, li jikkonsisti fi proposti għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-QFP għas-snin 2028-2034, għal Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, u għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, akkumpanjat minn għadd ta' proposti leġiżlattivi settorjali. Fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi settorjali addizzjonali.

II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

2. Fit-2 ta' Lulju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (AHWP MFF)¹ biex jeżamina l-proposti tal-Kummissjoni għal Regolament QFP u għal Ftehim Interistituzzjonali, kif ukoll kwistjonijiet finanzjarji u orizzontali rilevanti tal-proposti settorjali, inkluż il-qafas ta' governanza ġenerali u l-istruttura tal-programmi differenti. Elementi mhux fil-parentesi tal-proposti tal-QFP ġew eżaminati fit-tliet sottogruppi tal-AHWP MFF² u f'korpi preparatorji rilevanti oħra tal-Kunsill. Fl-aħħar nett, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riżorsi Propriji (WPOR) baqa' responsabbli biex jeżamina l-proposti relatati mar-riżorsi proprji tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett tal-QFP lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-16 ta' Lulju 2025, lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali u lill-AHWP MFF fit-18 ta' Lulju 2025, u lid-WPOR fit-22 ta' Lulju 2025.
4. Minn dak iż-żmien 'l hawn, sar sforz konsiderevoli biex jiġu rieżaminati l-proposti u jiġu analizzati l-implikazzjonijiet orizzontali u finanzjarji tagħhom.
5. L-AHWP MFF kellu 24 laqgħa bejn it-18 ta' Lulju u l-4 ta' Diċembru 2025. Matul dawn il-laqgħat, il-Kummissjoni tat preżentazzjonijiet dettaljati dwar il-pakkett tal-QFP, li koprew l-aspetti finanzjarji u aspetti orizzontali oħra tal-proposti settorjali, u dwar id-dħul. L-Istati Membri kellhom l-opportunità li jressqu l-mistoqsijiet tagħhom lill-Kummissjoni u kellhom skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti rilevanti tal-proposti. Il-Presidenza bdiet l-eżami u d-diskussjoni billi ppreżentat kwestjonarju lid-delegazzjonijiet iffukat fuq sitt mistoqsijiet orizzontali, li koprew l-istruttura, il-flessibbiltà, l-impatt u l-prestazzjoni tal-QFP, kif ukoll il-kundizzjonalità, l-amministrazzjoni u d-dħul.

¹ ST 10989/25.

² Il-mandat tat-tliet sottogruppi tal-AHWP MFF jinsab fid-dokument ST 11740/25. Ir-rapporti ta' progress dwar il-ħidma mwettqa mis-sottogruppi tal-AHWP huma disponibbli fid-dokumenti ST 15864/25, ST 16400/25 u ST 16312/25.

6. Il-Presidenza ddedikat il-laqgħat tal-AHWP MFF ta' Lulju u ta' Settembru għall-elementi orizzontali tal-pakkett tal-QFP, inkluż is-simplifikazzjoni, il-flessibbiltà, il-governanza, l-impatt u l-prestazzjoni. Il-laqgħat iffukaw ukoll fuq l-aspetti finanzjarji u orizzontali tal-Intestatura 2, "Kompetittività, prosperità u sigurtà", u b'mod partikolari fuq il-Fond Ewropew ġdid għall-Kompetittività u r-rabtiet mill-qrib tiegħu ma' programmi oħra. L-analiżi u l-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet ġew riflessi f'abbozz għal elementi possibbli għal abbozz futur ta' Kaxxa ta' Negożjar (elementi orizzontali u Intestatura 2), li ġie diskuss fl-AHWP MFF u fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-aspetti orizzontali u l-Intestatura 2 fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali f'Ottubru.
7. Il-laqgħat ta' Ottubru tal-AHWP MFF kienu fil-biċċa l-kbira ddedikati għall-eżami tal-Intestatura 1, "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura, żvilupp rurali u affarijiet marittimi, prosperità u sigurtà", b'enfasi fuq il-karatteristiċi ewlenin tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-qafas ta' referenza tal-politika tagħhom, is-simplifikazzjoni, il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni, id-digressività tal-appoġġ għall-introjt fil-Politika Agrikola Komuni, il-ħlas lura tan-Next Generation EU, il-kundizzjonalitajiet orizzontali, u l-Faċilità tal-UE u Catalyst Europe. L-analiżi u l-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet kienu riflessi f'abbozz għal elementi possibbli għal abbozz futur ta' Kaxxa ta' Negożjar (Intestatura 1). Dan il-qasam ta' politika kien soġġett għal diskussjoni f'diversi okkażjonijiet fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali f'Novembru.
8. Fl-aħħar nett, f'Novembru, l-AHWP MFF eżamina l-Intestatura 3, "Ewropa Globali", inkluż l-appoġġ għall-Ukrajna, kif ukoll l-Intestatura 4, "Amministrazzjoni", u d-dħul. L-analiżi u l-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet kienu, bħal qabel, riflessi f'abbozz għal elementi possibbli għal abbozz futur ta' Kaxxa ta' Negożjar (Intestatura 3, 4 u dħul).
9. Fil-laqgħat tiegħu ta' Diċembru, l-AHWP MFF lesta l-analiżi inizjali tiegħu tal-pakkett, bil-ħsieb li jħejji elementi possibbli għal abbozz sħiħ futur tal-Kaxxa ta' Negożjar, li għandu jittfassal mill-Presidenza.

10. Matul il-proċess kollu, u fuq talba tad-delegazzjonijiet, il-Kummissjoni pprovdi informazzjoni u kjarifiki addizzjonali kemm bil-fomm kif ukoll f'39 skeda teknika, mogħtija bejn Lulju u Novembru 2025. Il-Presidenza organizzat ukoll erba' seminars tekniċi f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, sabiex tiffaċilita l-kjarifika teknika effiċjenti tal-elementi tal-proposta tal-QFP, li jkopru l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (kriterji ta' allokkazzjoni u impatt finanzjarju), id-dħul, l-istrumenti finanzjarji, il-governanza, il-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd.
11. Minn Lulju sa Ottubru d-WPOR iddedika 5 laqgħat għall-eżami tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE. Barra minn hekk, sar dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji fl-10 ta' Ottubru fil-Kunsill ECOFIN. Matul il-proċess kollu, u fuq talba tad-delegazzjonijiet, il-Kummissjoni pprovdi informazzjoni u kjarifiki addizzjonali kemm bil-fomm kif ukoll fi 13-il skeda teknika, mogħtija bejn Lulju u Novembru 2025. L-AHWP MFF ġie infurmat dwar il-ħidma mwettqa mid-WPOR fid-19 ta' Novembru, u wara dan l-AHWP MFF beda l-ħidma fuq in-naħa tad-dħul.
12. Barra minn hekk, is-sottogruppi tal-AHWP MFF u korpi preparatorji rilevanti oħra tal-Kunsill eżaminaw il-proposti settorjali tal-QFP.
13. Matul il-Presidenza Daniża, id-delegazzjonijiet kellhom ukoll l-opportunità li jiddiskutu l-QFP fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti f'7 okkażjonijiet. Minbarra li ġie ppreżentat il-pakkett f'Lulju, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-QFP iddedikat għall-elementi orizzontali u dwar l-Intestatura 2 fil-laqgħa tiegħu ta' Ottubru, kif ukoll dwar l-Intestatura 1 fil-laqgħa tiegħu ta' Novembru.

III. RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENT EWROPEW

14. Il-Presidenza Daniża, f'kooperazzjoni mal-Presidenza futura Ċiprijotta u dik Irlandiża, hija impenjata li twettaq il-ħidma fuq il-QFP fi spirtu ta' trasparenza u kooperazzjoni kostruttiva mal-Parlament Ewropew (PE).

15. Għal dak l-għan, fl-4 ta' Lulju 2025 il-Presidenza Daniża indirizzat ittra lill-President Metsola tal-PE, anke f'isem il-Presidenza Ċiprijotta u dik Irlandiża li jmiss, li tagħti dettalji dwar il-modalitajiet ta' kooperazzjoni għall-ħidma fuq il-QFP. B'mod partikolari, il-Presidenzi pproponew l-organizzazzjoni ta' skambji ta' fehmiet mar-rappreżentanti tal-PE qabel u wara kull laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali meta l-QFP ikun fuq l-aġenda tiegħu.
16. Barra minn hekk, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, fl-10 ta' Novembru 2025 saret laqgħa bejn il-Presidenti tal-PE, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 324 TFUE.

IV. KONKLUŻJONIJIET

17. Abbażi tad-diskussjonijiet fl-AHWP MFF, fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u fil-Kunsill, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar³. L-għan tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar huwa li jiġi identifikati l-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġi indirizzati matul in-negożjati dwar il-QFP u, fejn xieraq, li tiffaċilita d-diskussjoni dwar l-opzjonijiet għal kwistjonijiet individwali u s-soluzzjonijiet għalihom. Il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar ma għandhiex l-għan li twassal għal xi dibattiti konklużivi f'dan l-istadju. Huwa mħejji taħt ir-responsabbiltà unika tal-Presidenza u mhux vinkolanti fuq l-ebda delegazzjoni.
18. Fid-dawl tal-kumplessità tad-diskussjonijiet, il-Presidenza hija tal-fehma li xi elementi tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar jistħoqqilhom aktar kunsiderazzjoni fil-livell tekniku, fejn jibbenefikaw minn irfinar possibbli, filwaqt li elementi oħra jeħtieġu gwida politika sabiex jitmexxew 'il quddiem.
19. Il-Presidenza tistieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u lill-Kunsill jieħdu nota tal-progress li sar qabel ir-rapport orali li l-Presidenza ser tippreżenta lill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2025 u tal-iskambju ta' fehmiet relatat.

³ ST 16344/25